**15 ta' Jannar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Alphonse Farrugia

*versus*

Joseph Fava *et*

**Libell - Identifikazzjoni tal-Persuna Allegatament Malafamata**

*L-attur appellat qed jallega li l-artikolu inkriminat jikkostitwixxi fil-konfront tieghu malafama u li l-ghan tieghu huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu f'ghajnejn il-pubbliku. Is-sentenza appellata hekk ikkonsidratu u hekk iddeċidiet. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-kontenut ta' l-artikolu fid-dawl tal-provi prodotti u taċ-ċirkostanzi kollha li fih jirriżulta li kiteb u wara debita riflessjoni waslet ghall-konklużjoni kuntrarja.*

*Dwar l-identifkazzjoni tal-persuna allegatament malafamata hu ghal kollox immaterjali x'kienet l-intenzjoni ta' l-artikolista jew x'kellu f'rasu meta kiteb l-artikolu jew jekk f'moħħu dik il-persuna kinitx jew le identifikata. Hu ghal kuntrarju materjali t-test ta' l-artikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna ta' l-attur. Dana b'mod naturali u mingħajr proċessi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analiżi xort'oħra. Dan ukoll b'ċertu grad ta' ċertezza.*

The sting of the libel *irid jirriżulta dirett lejn il-persuna ta' l-attur iżda fil-każ in eżami ma jirriżultax.*

Il-Qorti:-

Din hi kawża libell taħt il-liġi ta' l-istampa ta' l-Att XI ta' l-1974. Il-konvenuti - l-Editur u l-Istampatur - tar-rivista "Noticeboard" - qed jappellaw minn din is-sentenza;

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni fis-26 ta' Settembru, 1989 li biha l-attur, wara li ppremetta li l-konvenuti, responsabbli fil-karigi rispettivi tagħhom għal dak stampat u ppubblikat taħt it-titolu "L-Għalliema jridu jkunu jafu - dawl fuq elezzjoni misterjuża" fis-seba' faċċata tar-rivista "Noticeboard" numru tnejn (2) ta' Ottubru 1988, stampata u ppubblikata f'Malta, illi l-imsemmi stampat jikkostitwixxi, fil-konfront ta' l-attur, malafama li l-

għan tagħha huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tiegħu fis-sens ta' l-artikolu tmienja u għoxrin (28) ta' l-Att XL ta' l-1974 dwar l-Istampa kif jiġi muri u ppruvat waqt is-smigħ ta' din il-kawża, illi għalhekk l-attur għandu d-dritt jadixxi lil din il-Qorti għall-għotja mingħand il-konvenuti jew min minnhom tas-somma likwidata skond l-artikolu 28 ta' l-Att XL ta' l-1974 dwar l-Istampa, talab li din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi li l-konvenuti huma rsponsabbli għal dak stampat u ppubblikat taħt it-titolu "L-Għalliema jridu jkunu jafu - dawl fuq elezzjoni misterjuża" fis-seba' faċċata numru 2, tar-rivista "Noticeboard" ta' Ottubru, 1988, stampat u ppubblikat Malta;

Tiddikjara u tiddeċidi li l-istess stampat ippubblikat fl-imsemmija rivista tikkostitwixxi, fil-konfront ta' l-attur, malafama li l-għan tagħha huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tiegħu fis-sens ta' l-artikolu 28 ta' l-Att XL ta' l-1974 dwar l-Istampa;

Tillikwida dik is-somma dovuta minnhom jew minn kull wieħed minnhom lill-attur minħabba l-istess malafama u dan skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 28 ta' l-Att XL ta' l-1974 dwar l-Istampa;

Tikkundanna iħallsu *in solidum* bejniethom jew mod ieħor is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti nġunti minn issa biex jidhru personalment għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit mill-attur;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fit-30 ta' Novembru, 1989 li permess tagħha eċċepew:

Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija preskritta;

Illi l-attur m'għandux *locus standi* u interess ġuridiku peress li ma jissemma xejn dwaru fil-pubblikazzjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni li setgħet tatu malafama;

Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel u t-tieni eċċezzjoni t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda peress li fis-sustanza tiegħu l-artikolu in kwistjoni ma jagħti l-ebda malafama lill-attur kif jiġi dettaljatament spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

*Omissis*;

Ladarba l-attur huwa l-persuna indikata fl-artikolu, il-Qorti ma tarax li tista' taqbel ma' din l-eċċezzjoni inkwantu li takkuża persuna li "bagħbset il-voti u r-riżultati" ta' l-ezzjoni, timplika f'dik il-persuna interessi personali, takkużaha ta' maneġġi elettorali u issejjaħa "vagabond" u tgħajjru korrott, huma akkużi serji u li ċertament jesponu lill-attur għad-disprezz tal-qarrejja;

Fil-fehma tal-Qorti l-akkużi huma ukoll serji billi ndirizzati lejn is-segretarju ġeneralii tal-*union* li tirrappreżenta l-istess qarrejja. L-iskop ta' l-artikolu kien dak li jnaqqas il-fiduċja tal-membri ta' l-istess *union* u dana probabbilment bi skop ulterjuri li tidher li hija l-ambizzjoni personali ta' l-istess kontribwent. B'dana kollox ma jidhirx li l-artikolu kellu l-effett mistenni billi l-attur kien u baqa' jokkupa l-kariga ta' segretarju ġenerali tal-MUT. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tillikwida d-danni fis-somma ta' tliet mitt lira (Lm300) li għandhom jitħallsu

kwantu għall-mitejn lira mill-konvenut Fava u kwantu għall-mitt lira mill-konvenut Cassar fil-kapaċità rispettiva tagħhom;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti, filwaqt li ma tieħux konjizzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni stante li din ġiet irtirata u tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti billi nfondati, tilqa' t-talbiet attriċi u filwaqt li tiddikjara li l-artikolu in kwistjoni huwa defamanti fil-konfront ta' l-attur, tillikwida d-danni sofferti mill-attur a termini ta' l-artikolu 28 tal-Kap. 248 fis-somma ta' tliet mitt lira Maltija (Lm300) u tikkundanna lill-konvenut Joseph Fava jħallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) u lill-konvenut Joseph M. Cassar is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100);

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti";

L-attur appellat qed jallega li l-artikolu inkriminat jikkostitwixxi fil-konfront tiegħu malafama u li l-għan tiegħu huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tiegħu f'għajnejn il-pubbliku. Is-sentenza appellata hekk ikkonsidratu u hekk iddeċidiet. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-kontenut ta' l-artikolu fid-dawl tal-provi prodotti u taċ-ċirkostanzi kollha li fih jirriżulta li kiteb u wara debita riflessjoni waslet għall-konklużjoni kuntrarja;

Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Ma hemm l-ebda dubbju illi kieku ġie stabbilit u ppruvat illi l-artikolu kien jirreferi għall-persuna ta' l-attur appellat dan kien ikun mill-aktar inġurjuż u malafamanti inkwantu ċertament fih addebiti negattivi tali li serjament jippreġudikaw l-unur u l-fama tiegħu u jnaqqsulu l-istima f'għajnejn il-pubbliku kemm personalment u kemm fil-kariga uffiċjali li hu kien allura jokkupa. Il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata li tagħmel

analiżi dettaljata u korretta ta' dawn l-addebiti huma kollha ġusti u din il-Qorti ma kien ikollha l-ebda eżitazzjoni li tagħmilhom tagħha u tikkonferma l-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti li kieku kien stabbilit illi l-artikolu kien jirreferi għalih u li dak l-attakk virulenti kien dirett lejh. L-artikolu inkwantu jagħmel attakki personali li għalihom l-attur oġġezzjona, u mhux inkwantu jittanta jinvestiga materja ta' interess pubbliku, ċertament kien imur oltre l-limiti ta' kritika - anke l-aktar iebsa u stridenti - li għandha tiġi permessa. L-artikolu - kieku dirett għal persuna identifikata - u identifikabbli kien allura jkun oġġezzjonabbli almenu sal-punt li kien jirrikjedi għall-inqas il-prova tal-verità tal-fatti biex il-kummenti azzardati fih kontenuti jiġu b'xi mod ġustifikati;

Fil-verità però l-konvenuti ma offrewx din il-prova għaliex naturalment ikkunsidraw illi din ma kienx hemm lokha stante l-eċċezzjoni prinċipali tagħhom fil-meritu illi "fis-sostanza tiegħu l-artikolu in kwistjoni ma jagħti l-ebda malafama lill-attur". Isostnu illi l-attur ma jissemma' xejn dwaru fl-artikolu li jista' jitqies li setgħet tatu malafama. Eċċezzjoni li in effetti tfisser illi dawk il-partijiet fl-artikolu li huma ovvjament u minnhom infushom malafamanti ma kinux jirrigwardaw lill-persuna ta' l-attur appellat li ma kienx u ma setgħax ikun identifikat magħhom;

*Omissis*;

Żgur li kienu seħħew irregolaritajiet f'dik l-elezzjoni, li l-persuni responsabbli għalihom baqgħu mhux identifikati u hu għalhekk li l-artikolu korrettement intitolat "Dawl fuq Elezzjoni Misterjuża" anke jekk miktub b'mod mill-aktar iebes kien pjenament aċċettabbli u permessibbli f'soċjetà demokratika safejn kien jinvestiga l-kondotta ta' l-elezzjoni. L-istil, it-ton u l-kontenut tal-kummenti jistgħu jkunu goffi u esaġerati imma

b'daqshekk ma jsirux ġuridikament oġġezzjonabbli. Li kien ikun però oġġezzjonabbli hu jekk jiġu addebitati lil persuni partikolari u identifikati - f'dan il-każ lill-attur - fatti li jkunu inveritjeri, malafamanti u nġurjużi;

Fl-artikolu de quo dan ma jirriżultax. Żgur li l-aktar allegazzjoni *inġurjuża* fih hi li kien hemm persuna jew persuni li *bagħbsu l-elezzjoni*, li kienu ħtija ta' maniġġi elettorali. Il-bqija ta' l-artikolu jiddependi minn dan il-fatt kruċjali u jikkonsisti f'kummenti, appellattivi u kliem dispreġattiv fil-konfront ta' din il-persuna jew persuni u x'kellhom jagħmlu l-uffiċjali tal-MUT biex jiskavawhom, jikkastigawhom u jallontanawhom mill-Union;

Issa ma hemm xejn fit-test ta' l-artikolu li remotament jista' jorbot lill-attur imsemmi fih bħala li kien il-persuna jew fost *il-persuni li kkonduċew il-maniġġi elettorali jew bagħbsu dak il-proċess*. Fl-għar ipotesi għall-attur l-artikolu jista' jiftiehem li jallega li l-appellat iggwadanja bħala riżultat ta' dawn il-maniġġi u tbagħbis jew li almenu kien wieħed fost l-oħrajn fil-kurrent tiegħu li ggwadanjaw. Imma dan bla ebda mod ma jfisser li hu kien b'xi mod involut fih jew li kien ħati tagħhom. Dan la jingħad direttament fit-test ta' l-artikolu u lanqas hu indirettament suġġerit;

F'dan l-eżerċizzju dwar l-identifikazzjoni tal-persuna allegatament *malafamata* hu għal kollox immaterjali x'kienet l-*intenzjoni* ta' l-artikolista jew x'kellu f'rasu meta kiteb l-artikolu jew jekk f'moħħu dik il-persuna kinitx jew le identifikata. Hu għal kuntrarju materjali t-test ta' l-artikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna ta' l-attur. Dana b'mod naturali u mingħajr proċessi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analiżi xort'oħra. Dan ukoll b'ċertu grad ta' ċertezza. Mhux

biżżejjed allura li jidħol id-dubbju li forsi seta' jkun li l-artikolu qed jirreferi għalih ukoll jew forsi le. Il-fatti fl-artikolu firrigward ta' l-abbużi elettorali huma addebitati lil persuna injota meta, biex l-azzjoni attriċi tkun suċċess, jeħtiġilhom iwasslu filmoħħ tal-qarrej għal persuna ta' l-attur. Ma hemm assolutament xejn fl-artikolu li jwassal jew jallega dan. Ċertament il-fatt li l-artikolu isemmi lill-attur b'mod negattiv waqt li jsemmi uffiċjali oħra ta' l-MUT f'dawl tajjeb ma jwassalx waħdu bl-ebda mod għall-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti li l-artikolu kien allura qed jaddebita l-allegazzjonijiet ta' maniġġi u tbagħbis lill-attur. Dana għax kif ingħad l-artikolu fih innifsu ma jaddebita l-ebda irregolarità ta' l-ebda xorta lill-attur. Jaddebitalu biss se mai li hu kien ibbenifika mill-fatt tal-*block voting* li kien għamel ħaddieħor u li kien ġie newtralizzat bħala riżultat ta' irregolaritajiet li seħħew fl-elezzjoni. Ma hemm xejn fl-artikolu li jidentifika lill-attur ma' dawn l-irregolaritajiet anke f'moħħ dawk il-persuni li huma intiżi mill-fatti kif allura ġraw;

"*The plaintiff to succeed in the action must prove a publication of and concerning him of libellous matter and if he does not satisfy the onus of proof which is on him in this respect there is no cause of action*" (**Sargrove** *vs* **Hole** - A.L. Smith MR 1901);

"*The question for your consideration is whether you think the libel designates the plaintiff in such a way as to let those who knew him understand that he was the person meant. I think it is out of the question to suggest that that means "meant in the mind of the writer" or if the publishe ... it must mean "meant by the words employed*" (**Bourke** *vs* **Warren** - 1826) (Duncan Neil on Defamation -1983 p. 22 *et seq*);

Din il-Qorti hi sodisfatta illi t-test tal-kliem użat ma

jwassalx biex jidentifika lill-attur bħala l-persuna li għalih il-kliem inġurjuż jirreferi;

"*Defamatory statements which are in the air, as it were and do not appear by their words to refer to the plaintiff have got to be made referrable to the plaintiff by reason of special facts and circumstances which show that the words can be reasonably construed as relating to the plaintiff*" (**Bruce vs Odhams Press Ltd.** - 1935 KB 697);

Fatti u ċirkostanzi speċjali li fil-każ in eżami la ġew indikati fl-artikolu nnifsu u lanqas ġew allegati mill-attur appellat u ppruvati minnu fit-trattazzjoni tal-kawża;

"*The question is whether the libel designates the plaintiff in such a way as to that those who knew him understand that he was the person meant ... There is abundant authority to show that it is not necessary for everyone to know to whom the article refers; this would in many cases be an impossibility; but if in the opinion of the jury a substantial number of persons who knew the plaintiff reading the article, would believe that it refers to him, in my opinion an action assuming the language to be defamatory can be maintained ...* " (Gatley on Libel & Slander 8th Edition 1981 p. 280 *et seq*);

Anqas din il-prova ma tirriżulta mill-atti. Mid-diversi xhieda prodotti fosthom uffiċjali għolja ta' l-MUT u persuni msemmija fl-artikolu inkriminat wieħed biss jidher li iddentifika lill-attur fil-kontenut ta' l-artikolu;

Insenjament dan li hu konsoni mal-ġurisprudenza nostrana u in materja. Jiġu ċitati biss dawn fost oħrajn:

"F'dawn iċ-ċirkostanzi is-soluzzjoni hija waħda u ċjoè dik

indikata mill-ġurispudenza ċitata u ċjoè li ma għandhiex tiġi akkolta t-talba attriċi għax l-istess attur ma jistax jiġi identifikat fl-inġurja" (**Alfred Buhagiar *et noe* vs Peter Bartolo *et noe*** deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Ġunju, 1988);

"*E pacifico in gurisprudenza nei casi in cui la persona offesa non è chiaramente indicata, di supplire con provi estranei allo scritto incriminato*" (Vol. XXVI, pt.I, p.96);

Provi li kif ingħad f'dan il-każ ma ġewx prodotti mill-appellat:

"F'materja ta' libell wieħed għandu jara proprjament dak li l-ġuristi Ingliżi jsejħu *the string of the libel* u biex wieħed jara jekk l-artikolu hux libelluż jew le għandu jikkunsidra kif jifhmu bniedem raġonevoli ta' intelliġenza normali u li jkollu konoxxenza taċ-ċirkostanzi korrenti" (Vol. XXVII, pt. IV, p. 1027);

*The sting of the libel* li jrid jirriżulta dirett lejn il-persuna ta' l-attur u li fil-każ in eżami, kif fuq konsidrat ma jirriżultax;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-appell interpost mill-konvenuti *nomine* u tirrevoka s-sentenza appellata prevja l-akkoljiment ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-meritu;

Fiċ-ċirkostanzi hemm lok ukoll temperament fil-kap ta' l-ispejjeż. Dawn għandhom jibqgħu taż-żewġ istanzi bla taxxa bejn il-kontendenti.